# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 22 ta' Settembru, 2015

**Talba Nru:** 645/15 DMA

**Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited**

**Vs**

**Brian Stafrace**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta' Awissu, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' tlett elef, mija, tlieta u tletin ewro (€3,133) in kwantu ghal elfejn u seba' mitt ewro (€2,700) rapprezentanti bilanc tal-prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament konsenjata mis-socjeta' rikorrenti lill-intimati u erba' mija u tlieta u tletin ewro (€433) rapprezentanti l-prezz ta' freezer ('smiles Ugur Glass Top Freezer CSC 500') li kien inghata lill-intimat izda li qatt ma gie ritornat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 820/15 (kopja hawn annessa bhala Dok.AMS 001) kif ukoll bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tas-17 ta' Settembru, 2015 u qas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tas-17 ta' Settembru, 2015 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlett elef, mija, tlieta u tletin ewro (€3,133) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 820/15, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**